*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,028, 4 ta' Novembru, 1994*
*Taqsima B*

**A.L. 149 ta' l-1994**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI

## (KAP. 327)

## STATUT LI JEMENDA L-ISTATUT 3 (EMENDA NRU. 9) TA' L-UNIVERSITÀ TA' MALTA — KORSIJIET TA' STUDJI, GRADI U DISTINZJONIJIET

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 48(3) ta' dak l-Att:

**Titolu**

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut li jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 9) ta' l-Università ta' Malta — Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjoni — u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda ma' l-istatut ta' l-Università ta' Malta mdaħħal fl-Iskeda II ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-istatut prinċipali".

**Emendi ta' l-Istatut Prinċipali**

2. Is-sotto-paragrafu 1 tal-paragrafu 3.1 ta' l-istatut prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) taħt ir-ras *il-Fakultà ta' l-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy* minflok il-kliem —

"Bachelor of Arts (Honours) in Accountancy — B.A. (Hons.) Accountancy

Bachelor of Arts (Honours) in Business Management — B.A.(Hons.) Business Management

Bachelor of Arts (Honours) in Public Administration — B.A.(Hons.) Public Administration"

għandu jidħol dan li ġej:

"Bachelor of Arts (Honours) — B.A. (Hons.) in Economics, jew
in Management, jew
in Accountancy, jew
in Public Policy, jew
in Banking and Finance";

(b) taħt ir-ras *il-Fakultà tat-Teoloġija* sewwa sew taħt il-kliem "Bachelor of Arts in Religious Studies — B.A. (Rel. Stud.)" għandhom jidħlu
"Bachelor of Arts in Theology and Human Studies — B.A.

Bachelor of Arts (Honours) in Theology and Human Studies — B.A. (Hons.);

(ċ) minflok ir-ras *Interdixxiplinarju* għandha tidħol ir-ras *Ċentru tal-Foundation Studies*; u

(d) sewwa sew taħt il-kliem "Certificate in Foundation Studies" għandu jiżdied dan li ġej —

*Bord ta' l-Istudju ta' l-Ambjent*

Master of Science in Environmental Studies — M.Sc.

Diploma in Environmental Sciences.

Postgraduate Diploma in Environmental Management".